MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 168/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Darren Cross**

Illum 27 ta' Lulju, 2012
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. F'xi hin bejn it-8:00 ta' filghaxija tat-18 ta' Jannar 2005 u t-3:30 ta' wara nofs in-nhar tad-19 ta' Jannar 2005, minn garage no. 15 li jinsab gewwa l-fond 'Eros Court', Triq Dun Mawru Inguanez, Birkirkara, ikkommetta serq ta' apparat elettroniku minn vettura ta' l-ghamla Mazda 323 bin-numru tar-registrazzjoni FAA-915, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro, ghad-detriminent ta' Raymond Mizzi u/jew persuni ohra;
2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor,

cioe hsara fuq l-imsemmija vettura numru tar-registrazzjoni FAA-915 kif ukoll fil-bieb ta’ l-imsemmi garage, liema ammont tal-hsara tiskorri 1,164.69 euro, ghad-detriment ta’ Raymond Mizzi u/jew persuni ohra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Marzu, 2011 fejn fuq ammissjoni tal-imputat u wara li rat l-Artikoli 261(b), (c) (f) u (g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 325 u 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u ikkundannatu disa’ (9) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 ta’ Marzu, 2011 fejn talab lil din il-Qorti timmodifika s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Marzu, 2011, per Magistrat Audrey Demicoli, imposta fuqu u dan billi filwaqt li tikkonferma fejn sabitu hati taz-zewg akkuzi migjuba kontra tieghu tvarjha fejn din ikkundannatu fejn sabithu hati disa` xhur prigunerija, tipprovdi ghal-piena alternattiva u aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva.

Illi ghad li huwa minnu li l-appellant m’ghandux fedina penali tajba attwalment fil-mument gie kommess dan ir-reat il-fedina penali tieghu kienet ghadha tali.

Illi minn dak iz-zmien l’hawn l-esponent ghadda minn perjodu trawmatiku hafna ghad li mietlu iben ta’ sentejn u nofs.

Illi fil-kazi aktar ricenti minhabba fic-cirkostanzi specjali ta’ l-appellant il-Qorti kien dehrilha li kellha tipprovdi ghall-piena alternattiva ghal dik karceraraja. Tenendo kont dan ghalhekk huwa kontro sens li filwaqt li ghal reati aktar ricenti il-qrati wrew klemenza biex jipprivaw jghinu lill-esponent jerga` jintegra ruhu fis-socjeta` filwaqt ghal kaz pjuttost de minimis li jirrisali lura ghal-aktar minn sitt snin il-Qorti ikkundannatu piena ta’ karcerazzjoni effettiva.

Ikkunsidrat :

Dana huwa appell dwar il-piena peress illi l-appellant ammetta l-akkuzi tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, li deherilha illi kellha tipprovdi ghall-piena karcerarja.

L-appellant jargumenta illi fiz-zmien il-kommissjoni tar-reat kien ghaddej minn zmien ikrah pero` issa jinsab riabilitat, ghaddej fuq it-triq it-tajba u jkun kontro sens illi jintbaghat il-habs meta jista` jintegra ruhhu fis-socjeta` b'mod normali. Terga` u tghid il-kaz huwa pjuttost *de minimis,* jirrisali ghal aktar minn tmin snin u ghalhekk forsi mhux il-kaz illi l-Qorti tkun severa mieghu u timponi piena karcerarja.

Ikkunsidrat :

L-Ewwel Qorti diga` kellha din is-sitwazzjoni quddiemha meta tat is-sentenza taghha, f'liema sentenza hemm il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti l-ghala kellha tinfliggi piena karcerarja flok xi piena ohra.

L-Ewwel Qorti argumentat illi dina ma kienitx l-ewwel darba illi l-appellant kiser difrejh mal-gustizzja u kien diga` inghata opportunita` li jirriforma ruhhu izda jidher li ma gharafx juzuwixxi ruhhu minn din l-opportunita`. Kien ghalhekk illi l-Qorti iddecidiet illi timponi piena karcerarja ghad illi dina kellha tkun fil-minimu taghha meta wiehed jikkonsidra l-aggravji illi kellu l-appellant abbinat mar-reat tieghu.

Ghalhekk ladarba l-Ewwel Qorti kkunsidrat is-sitwazzjoni tal-appellant, liema sitwazzjoni fil-mori ta' dan l-appell ma nbidilx mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament u d-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas minn dak

li tkun fil-fatt (Ir-Repubblika vs Eleno sive Lino Bezzina 24-04-03).

Is-sentenza moghtija hija fil-parametri tal-ligi, nghatat fil-minimum taghha u la l-Ewwel Qorti dehrilha illi kellha tapplika dik il-piena mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-deskrizzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------